MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 60/2008

Anthony u Esther konjuġi Camilleri .

vs

Josephine Axiaq f'isimha proprju u
Fil-kwalita' tagħha bħala eredi universwali
Ta' żewġha Michael Axiaq.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

I. Illi Anthony u Esther konjuġi Camilleri pprestaw serviġi, kuri u assistenzi lill-konvenuta Josephine u Michael konjuġi Axiaq u dan fuq talba ta' dawn ta' l-aħħar stess għal diversi snin sa mill-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) u dank if ser jiġi ppruvat dettaljatament fil-kawża.

2. Illi tali serviġi, kuri u assistenzi kienu jinkludu illi Anthony u Esther konjuġi Camilleri kienu jieħdu ħsieb lir-raġel tal-konvenuta Michael Axiaq meta marad serjament matul dawk il-ħinijiet kollha li l-konvenuta Josephine Axiaq kienet titlob u dan sakemm miet f'Novembru elfejn u erbgħa (2004) – (Certifikat anness Dok. A).

3. Illi l-imsemmi Michael Axiaq irregola l-wirt tiegħu permezz ta' testment magħmul m a' martu Giuseppa fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tat-tnax (12) ta' Settembru elf disa' mija erbgħa u sebgħin (1974) kif sussegwentement emendat b'ieħor tad-dsatax (19) ta' Ottubru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u ieħor tad-disgħa (9) ta' Lulju elf disa' mija sitta u disgħin (1996) u ieħor fit-tnax (12) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003) it-tlieta fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo innomina bħala eredi universali tal-beni tiegħu kollha lil martu l-konvenuta Giuseppa Axiaq.

4. Illi tali serviġi kuri u assistenzi kienu jinkludu illi l-atturi Anthony u Esther konjuġi Camilleri jorqdu mal-konvenuta Josephine Axiaq dan minn Settembru tal-elfejn u erbgħa (2004) sa Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007).

5. Illi l-attur Anthony Camilleri waħdu kien anke jagħmel xogħol ta' maintenance fid-dar residenzjali tal-konvenuta u żewġha f' "Australia House", Triq Qasam San Gorg, Rabat, Għawdex, Malta.

6. Illi l-konvenuta Josephine Axiaq f'Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) uriet illi ma tixtieqx illi l-atturi Anthony u Esther konjuġi Camilleri jibqgħu jirrendu serviġi, kuri u assistenzi iktar.

7. Illi l-atturi Anthony u Esther konjuġi Camilleri jħossuy illi għandhom jiġu kkumpensati għal dawn is-serviġi, kuri u assistenzi illi taw lill-konvenuta Josephine Axiaq u żewġha Michael Axiaq.

8. Illi minkejja interpellata diversi drabi anke permezz ta’ ittra uffiċċjali sabiex tikkumpensa lill-atturi Anthony u Esther konjuġi Camilleri l-konvenuta baqgħet inadempjenti.

Talbu lill-konvenuta tgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi rrendew serviġi kuri u assistenzi lil Josephine Axiaq għal perjodu ta’ sittax-il sena mill-1991 sa Settembru elfejn u sebgħa (2007).

2. Tiddikjara illi l-atturi rrendew serviġi kuri u assistenzi lil Michael Axiaq għal perjodu tlettax-il sena mill-elf disa’ mija u wieħed u disgħin (1991)sa Novembru elfejn u erbgħa (2004).

3. Tillikwida, occorrendo permezz ta’ periti nominandi, dik is-somma li jidhrilha ġusta bħala kumpens għas-serviġi kuri u assistenzi reżi mill-atturi lill-konvenuta Josephine Axiaq u żewġha Michael Axiaq.

4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Josephine Axiaq f’isimha proprju u bħala eredi ta’ l-imsemmi Michael Axiaq tħallas dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata sebgħa (7) ta’ April elfejn u tmienja (2008).

L-intimata hija mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħda tiġi nġunta.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Illi l-ewwel u t-tieni talbiet setgħu saru f’talba waħda u għaldaqstant l-atturi għandhom zgur ibatu l-ispejjeż ta’ talba minnhom.

2. Illi mingħajr ebda preġudizzju għal premess, tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi m'huwiex minnu illi l-atturi irrendew lilha u lill-mejjet żewġha, Michael Axiaq xi serviġi, kuri u assistenzi;

4. Illi kienu l-istess atturi li qabdu u daħlu minn jeddhom fl-istess dar ta' abitazzjoni tal-konjuġi Axiaq; ikkapparraw kollox u kull ma kien hemm u mhux talli huma ma rrendewx serviġi, kuri u assistenzi lill-konjuġi Michael u Josephine Axiaq imma talli ħadulhom u ġew mogħtija lilhom ammont sostanzjali ta' flus, kif jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegħ tal-istess kawza;

5. Illi fi kwalunkwe każ, jekk ġew reżi xi serviġi, dawn ġew reżi mingħajr animu ta' kumpens imma "pietatis vel familiarities causa".

Salvi risposti oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Novembru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens li jidhrilhom li ħaqqhom għal diversi serviġi li huma jgħidu li rrendew matul diversi snin sa mill-1991 lill-konvenuta u lill-mejjet żewġha, li tagħha l-konvenuta hija unika eredi.

Għal dawn it-talbiet il-konvenuta opponiet preliminarjament li l-ewwel żewġ talbiet setgħu saru f'talba waħda, u għalhekk l-atturi għandhom ibatu l-ispejjeż ta'

talba żejda, u l-preskrizzjoni ta’ ħames snin a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 12. Fil-mertu mbagħad ċaħdet li l-atturi rrendew lilha jew lil żewġha xi serviġi, u fi kwalunkwe każ, jekk għamlu xi ħaġa dan sar *pietatis vel familiaris causa*.

Fir-rigward ta’ l-ewwel eċċezzjoni, billi l-entita’ tas-serviġi li l-atturi jgħidu li rrendew lir-raġel tal-konvenuta u dawk li rendew lilha kien differenti, ma kien hemm xejn ħażin li qasmu it-talbiet rispettivi f’żewġ domandi.

Fir-rigward ta’ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jirriżulta minn dak li qalu l-istess atturi fir-Rikors ġuramentat tagħhom, li l-ewwel darba li huma nterpellaw lill-konvenuta kien fis-7 ta’ April elfejn u tmienja (2008) u għalhekk a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) li jippreskrivi l-azzjonijiet kollha għal kull kreditu ieħor mhux imsemmi fis-sub-artikoli preċedenti bl-għeluq ta’ ħames snin, l-atturi ma jistgħux jippretendu ebda ħlas għal dak li setgħu għamlu mal-konvenuta u żewġha qabel is-7 ta’ April 2003. Ma saret ebda prova li din il-preskrizzjoni ġiet interrotta b’xi rikonoxximent dwar serviġi anteċedenti li tagħhom l-atturi baqgħu ma ġewx ikkumpensati, bħal per eżeċpju b’xi laxxitu testamentarju tal-konvenuta jew żewġha.
Fir-rigward imbagħad ta’ l-eċċezzjoni l-oħra illi dak li setgħu għamlu l-atturi mal-konvenuta u żewġha dan sar *pietatis vel familiaris causa*, huwa minnu illi l-attur jiġi hu l-konvenuta, imma, għalkemm fil-passat tali eċċezzjoni kienet tittieħed in konsiderazzjoni biex jiġi deċiż jekk kienx ikun dovut xi kumpens, illum il-ġurnata teżisti ġurisprudenza kopjuża tal-qrati tagħna fis-sens illi *omnia labor optat premium*. Għalhekk ħadd m’għandu jiġi preżunt li qed jirrendi serviġi gratwitament u mingħajr intenzjoni ta’ xi kumpens. Hekk per eżempju f’sentenza ta’ din il-Qorti li tiġi ċitata regolarment f’kawżi simili, jingħad speċifikament illi:

“*In tema legali l-ġurisprudenza tagħna hija konkordi fil-prinċipju li fil-każ ta’ serviġi jista’ jkun dovut kumpens anki jekk dan ma jkunx patwit, meta mill-konkors taċ-ċirkostanzi jidher li l-ħlas hu dovut. Ġie kemm-il darba ritenut li l-prestazzjoni gratwita m’għandhiex tkun*

*preżunta, u l-intenzjoni li wieħed jirregala s-serviġi tiegħu u jirrinunzja għall-kumpens m'għandhiex tiġi faċilment akkolta. Hekk kwalunkwe serviġi jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens; (ara Balzan et vs Degiorgio et: 23.2.1959, vol. XLIII. ii. 649; Axiaq vs Mifsud et.: 9.1.1952, vol. XXXVI. iii. 588 u l-ġurisprudenza hemm ikkwotata), Dana għandu japplika b'mod speċjali fil-każ ta' serviġi hekk imsejjħa 'di bassa lega' bħalma huma l-ħasil tal-ħwejjeġ maħmuġa u faċendi tad-dar,…".* [1]

Dwar il-mod kif kellu jiġi likwidat dan il-kumpens, ġie spjegat illi:

"*Għall-finijiet tal-quantum tas-serviġi, wieħed għandu jżomm f'moħħu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li bbenefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-atturi mal-konvenuta. Konsiderazzjonijiet oħra li ġew konsidrati mill-Qorti tagħna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess saħtu biex jaqdi lill-ħaddieħor, jekk humiex affarijiet li mhux kulħadd kapaċi jidħol għalihom, bħal meta l-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (eż. ħasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjeż li tagħhom ma jkunx ġie rimborsat fil-mument tal-ħruġ tagħhom.*

*Bħala regola ġenerali, l-kumpens mogħti jkun ftit jew wisq, imqaddes meta l-benefiċjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa.*

*Minn studju tal-ġurisprudenza lokali, wieħed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem minħabba raġunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba għall-ħlas ta' serviġi hi bbażata fuq kważi-kuntratt li nħoloq bejn min  jirrendi s-serviġi  u l-benefiċjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi, iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi reżi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens*

[1] Giuseppa Spiteri vs  Henry Micallef et.: 5.03.1974 .

*ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xogħol li sar, iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ.*" [2]

Jirriżulta fil-każ in eżami illi għal żmien twil l-atturi kellhom relazzjoni tajba mal-konvenuta u żewġha. Kienu qagħdu għand xulxin meta kienu emigraw l-Awstralja, u meta rritornaw bnew id-djar rispettivi tagħhom viċin ħafna ta' xulxin. Il-konvenuta li hija ikbar xi tmintax-il sena mill-konvenut, ma kellhiex tfal u l-atturi kienu jqattgħu ħafna ħin għandha. Sew meta Mikieli Axiaq, żewġ il-konvenuta, kif ukoll l-istess konvenuta kellhom bżonn xi eżamijiet jew kura l-isptar, kienu jieħdu ħsiebhom l-atturi. Saru diversi allegazzjonijiet li ta' dak li setgħu għamlu l-atturi mal-konvenuta u żewġha f'dawk l-okkażżjonijiet, ġew adegwatament ikkumpensati, billi fl-okkażżjoni tal-qasma tal-beni ereditarji tal-ġenituri tagħhom, l-attur ġie assenjat biċċa art fejn sussegwentment bintu bniet id-dar tagħha.[3] Ġie sottomess mill-konvenuta li f'dik l-okkażżjoni hi kienet strumentali sabiex ħuha ieħor Kostantinu jpartat magħha s-sehem tiegħu mill-istess art sabiex l-attur ikollu biżżejjed biex jibni. Qalet ukoll li hi kienet ta' sikwit tgħin lill-atturi b'diversi modi oħra billi tagħthom il-flus għal xi operazzjonjiet tagħhom u ta' binthom, ħalsitilhom parti mill-prezz tal-karozza l-ġdida, u anke tagħthom xi flus biex jiġu depożitati fl-esteru.

Imma kif ġia ngħad hawn fuq, minkejja li l-atturi qed jippretendu li jitħallsu ta' dak kollu li setgħu għamlu mal-konvenuta u żewġha sa mis-sena 1991, iż-żmien rilevanti għal din il-kawża huwa biss bejn is-7 ta' April 2003 u s-7 ta' April 2008, meta saret l-ittra uffiċċjali għal-ħlas. Għalhekk dak kollu li ntqal dwar xi serviġi reżi qabel dan il-perijodu, ma jistgħax jittieħed in konsiderazzjoni fil-kalkolu ta' xi kumpens li jista' jkun dovut lill-atturi.

Mill-provi prodotti ħareġ li l-konvenuta u żewġha, għalkemm diġa' ta' eta' avanzata f'dan il-perijodu, kienu relattivament b'saħħithom, u ftit li xejn kellhom bżonn għajnuna biex jgħixu deċentement. Kienu kapaċi joħorġu

[2] Prim'Awla : Anthony Catania pro et noe et. vs Maria Agius : 11.12.2003 .
[3] Ara kopja ta' l-att ta' divizjoni ta' l-24.04.1990 Dok. AC 2 FOL. 86 – 88 tal-process .

barra, u filwaqt li Mikieli Axiaq kien iħobb imur jgħaddi l-ħin fuq bank fi ġnien żgħir faċċata tad-dar tiegħu, il-konvenuta kienet tmur il-quddies darbtejn kuljum bil-mixi u anke tagħmel ix-xirja. Sabiex tgħinha fil-faċendi tad-dar kellha wkoll l-għajnuna ta' *helper* ipprovduta mill-gvern għal sagħtejn kull darba erbat'ijiem fil-ġimgħa. Irriżulta li Mikieli Axiaq inxteħet fis-sodda fl-aħħar tlett xhur ta' ħajtu, u kien hawnhekk li l-atturi bdew jirrendu serviġi ta' ċerta entita' lill-koppja Axiaq. Dan ikkonfermatu wkoll l-istess *helper* tal-konvenuta. Żewġ il-konvenuta ittieħed l-isptar meta ħassu ħażin fl-aħħar marda tiegħu minn bint l-atturi u żewġha, għax dakinhar l-atturi nzertaw kienu msiefrin. Hemmhekk għamel xi għaxart ijiem u rega' nbatgħat lura d-dar, imma baqa' fis-sodda u ftit li xejn kien kapaċi jagħmel il-bżonnijiet tiegħu mingħajr għajnuna. Din l-għajnuna, inkluż l-iġene personali tiegħu, kienet tingħata mill-atturi li ħassew li kellhom anke jibdew jorqdu hemm biex jagħtu l-għajnuna f'waqtha lil Mikieli. Kienu anke jorqdu fl-istess karma tiegħu, mingħajr ebda privatezza ta' xejn għalihom. Mikieli Axiak miet fid-29 ta' Novembru 2004 fl-eta' venerabbli ta' disgħin sena.[4] Għall-funeral tiegħu għamlu l-preparamenti meħtieġa l-atturi wkoll.[5]

Wara li miet Mikieli, l-atturi ħassew li ma kellhomx iħallu lill-konvenuta d-dar waħedha, u għalhekk, għalkemm ma talbithomx biex jagħmlu hekk il-konvenuta, iddeċidew li jibqgħu jorqdu magħha, imma issa f'kamra oħra li l-konvenuta ħallitilhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Huwa evidenti li l-konvenuta kienet kuntenta bil-kumpanija ta' l-atturi matul il-lejl. Dan baqgħu jagħmluh għal xi tliet snin sakemm ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti bdew jeħżienu sa l-punt li l-konvenuta bagħtitilhom il-pulizija biex javżawhom ma jersqux iżjed lejn darha.[6] L-atturi kellhom ftehim ma' binthom Rose Schembri sabiex il-konvenuta torqod għandha kull meta huma kienu jsiefru għal xi vaganza.

Jirriżulta għalhekk illi l-atturi ħaqqhom jiġu kkumpensati: (i) għall-perijodu ta l-aħħar marda ta' Mikieli Axiaq, meta għamlu tliet xhur jieħdu ħsiebu b'mod intensiv, u (ii) għaż-

[4] Dok. A a fol. 6 .
[5] Ara affidavit ta' Joseph Attard a fol. 29 .
[6] Ara kopja ta' l-okkorenza relattiva : Dok. A a fol 497 – 8 .

żmien ta' kważi tliet snin sussegwenti meta baqgħu jorqdu mal-konvenuta fir-residenza tagħha, jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet in ġenerali tagħha, jagħmlulha xi xirjiet, joħorġuha regolarment bil-karozza għand binthom, u jieħdu ħsieb li ssir manutenzjoni tad-dar tagħha.

Dwar (i): Li kienu jieħdu ħsieb ir-raġel tal-konvenuta fl-aħħar marda tiegħu meta kien *bedridden* ġie konfermat mhux biss mill-*helper* tagħha,[7] imma wkoll mit-tabib kuranti tiegħu Dr. Anselm Psaila,[8] kif ukoll minn Monsinjur Dun Ruzar Borg[9] li kien imur iqarbnu kuljum. Tenut kont il-parentela bejn il-kontendenti, l-entita' tax-xogħol magħmul f'dan ir-rigward, il-kondizzjoni finanzjarja tal-konjuġi |Axiaq, li ma tidhirx li kienet waħda ħażina, meħud in konsiderazzjoni li dawn kienu għamlu żmien twil jaħdmu t-tnejn li huma kemm damu msiefrin u ma kellhomx familja x'imantnu, jidher illi rata ta' ħamsin euro (Eur 50) għal kull ġurnata iffissata *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti ghandha tkun adegwata fiċ-ċirkostanzi. Għalhekk: 50 x 90 = EUR4500;

Dwar (ii) L-atturi in segwitu għall-mewt ta' Mikieli Axiaq baqgħu jorqdu ta' kuljum mal-konvenuta għal kważi tlett snin oħra, u preċiżament bejn id-29 ta' Novembru 2004, meta miet Mikieli, sa madwar xahar qabel ma l-atturi ġew imwissija ma jersqux lejn darha fl-1 ta' Ottubru 2007, u nkisru għal kollox ir-relazzjonijiet ta' bejniethom. L-attur spjega kif hu u martu għalkemm kienu ddeċidew li ma jkomplux jorqdu għand il-konvenuta, xorta waħda baqgħu jtellgħuha regolarment għand binthom biex tqatta' ftit tal-ħin magħhom qabel ma tinġabar torqod. Ir-rata ta' kumpens għas-serviġi reżi lill-konvenuta f'dan il-perijodu neċessarjament trid tkun inqas minn dik iffissata għaż-żmien li daru b'żewġha. Fil-fehma tal-Qorti rata ta' għoxrin euro (EUR20) għal kull ġurnata li daru biha u raqdu għandha bejn id-30 ta' Novembru 2004 u l-31 ta' Awwissu 2007 għandha tkun waħda sodisfaċenti. Mela: 20 x 1005 = EUR 20100. Hemm ukoll l-aħħar xahar fejn l-atturi kienu

---

[7] Ara depożizzjoni tagħha a fol. 45 – 50 .
[8] Ara affidavit tieghu a fol. 36 .
[9] Ara affidavit tieghu a fol. 27.

joħorġu lill-konvenuta s'għand binthom għal xi sagħtejn kuljum. Ta' dan qed jiġu likwidati mitt euro (EUR100) oħra.

| | |
|---|---|
| U għalhekk b'kollox : | EUR 4500 + |
| | 20100 |
| | 100 |
| Total ta' : | EUR 24700 |

Irriżulta pero' li matul dan il-perijodu l-atturi kienu qed jipperċepixxu l-imgħaxijiet kollha fuq investiment konġunt li kienu għamlu mal-konvenuta u żewġha fis-sena 2000.[10] Il-konvenuta ssostni li dawn il-flus kienu kollha nħarġu minnha u minn żewġha, u kienu għaddewhom ftit qabel lill-atturi proprju għal dan il-fini. Anzi tallega, għalkemm dwar dan ma nġiebet ebda prova konkreta, li kienu għaddewlhom ferm iżjed flus minn hekk lill-atturi. Michael Grech, il-konsulent finanzjarju li ħadilhom ħsieb biex isir dan l-investiment jgħid fid-depożizzjoni tiegħu li huwa kien taħt l-impressjoni li l-flus għal dan l-investiment kienu nħarġu kollha mill-konjuġi Axiaq, għalkemm iċ-*cheque* mgħoddi lilu għal dan il-fini kien intestat fuq l-atturi.[11] Infatti in segwitu għall-mewt ta' Mikieli Axiaq dan l-investiment inqasam bejn l-atturi u l-konvenuta, bl-interessi jibqgħu jinġabru biss mill-atturi. Hija għalhekk il-fehma ta' din il-Qorti li l-imgħaxijiet għas-snin bejn l-2004 u l-2007, u ċioe' għas-snin li fihom ġew reżi s-serviġi in kwistjoni, ammontanti b'kollox għal £4727.54 (li jġibu ċirca EUR5670 għandhom jiġu mnaqqsa mill-ammont dovut lill-atturi:

Għalhekk: EUR24700 – EUR5670 = EUR19030

Ma hux kontestat li l-konvenuta hija unika eredi tal-mejjet żewġha, u għalhekk l-ammont hawn likwidat għandu jitħallas kollu minnha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali, tilqa' t-talbiet attriċi, limitatament pero'

[10] Ara Dok. MG 2 a fol. 190 - 1 91u Dok. A a fol. 501 .
[11] Dok. MG 1 a fol. 189 .

għas-serviġi reżi fl-aħħar ħames snin qabel ma saret l-ittra uffiċċjali tas-7 ta' April 2008, u

1. tiddikjara li l-atturi rrendew diversi serviġi, kuri u assistenzi lill-konvenuta Josephine Axiaq li tagħhom iridu jiġu kkumpensati;

2. tiddikjara li l-atturi rrendew ukoll diversi serviġi, kuri u assistenzi lil żewġha Mikieli Axiaq, illum mejjet, u li tiegħu l-konvenuta hija unika eredi;

3. tillikwida l-ammont dovut lill-attui fis-somma ta' dsatax-il elf u tletin euro (EUR 19,030); u

4. tikkundanna lill-konvenuta tħallas dan l-ammont lill-atturi.

Bl-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi fejn l-atturi kienu qed jippretendu kumpens għal żmien ferm itwal minn dak li attwalment kien jiġihom legalment, jitħallsu kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-konvenuta u kwart (1/4) mill-atturi stess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------